# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' April 2017**

**Numru 4**

**Rikors Numru 570/07 JZM**

**Rena Bartolo**

**v.**

**Dennis Ciantar**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat li ppreżentat l-attriċi fit-22 ta' Mejju, 2007, u li jaqra hekk:

> "1. Illi l-intimat hu s-sid tal-appartament numerat tnejn (2), fil-blokk ta' appartamenti bl-isem "Santa Rita", Triq il-Poezija, Qormi.
>
> "2. Illi l-kontendenti ghamlu perjodu johorgu flimkien u r-rikorrenti tul dan il-perjodu kienet nefqet diversi somom sabiex saru xogholijiet u benefikati u miljoramenti fil-fond fuq imsemmi proprjeta` tal-intimat, u xtrat ukoll oggetti mobbli li jinsabu f'dan il-fond u nefqet spejjez ohrajn, skond ma jirrizulta dettaljatament mill-annessi dokumenti li qed jigu markati bhala Dokumenti RB1 sa RB5, u b'kollox sborzat is-somma ta'

sitt elef mija u tlieta u tmenin lira Maltin (Lm6,683) a beneficcju tal-intimat.

“3. Illi l-kontendenti m`ghadhomx johorgu flimkien u l-intimat qieghed jirrifjuta li jirrifondi din is-somma ta’ sitt elef sitt mija u tlieta u tmenin lira Maltin (Lm6,683) lill-esponenti.

“4. Illi oltre` minn hekk hemm diversi oggetti li huma proprjeta` tar-rikorrenti li qed jigu elenkati fid-Dokument “RB6” li qed jigi anness, u liema oggetti jinsabu fil-pussess tal-intimat u mahzuna f`garaxx proprjeta` tal-genituri tieghu, u l-intimat qed jirrifjuta li jirrestitwixxi dawn l-oggetti lir-rikorrenti.

“5. Illi l-oggetti kollha ndikati fil-paragrafu erbgha ghandhom valur komplessiv ta’ cirka elf u tlett mitt Lira Maltin (Lm1,300) u ghadhom kollha godda.

“Ighid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :

“1) Tiddikjara illi r-rikorrenti hallset is-somma ta’ sitt elef sitt mija u tlieta u tmenin lira Maltin (Lm6,683) sabiex saru xoghlijiet u benefikati u miljoramenti fl-appartament numerat tnejn (2), fil-blokk ta’ appartamenti bl-isem "Santa Rita", Triq il-Poezija, Qormi prorjeta` tal-intimat, u nxtraw oggetti li jinsabu fl-istess fond u spejjez ohrajn relattivi nkorsi minnha.

“2) Tiddikjara wkoll illi l-intimat ghandu fil-pussess tieghu diversi oggetti konsistenti fil-mobbli ndikati fl-anness Dok. RB6, li huma proprjeta` tar-rikorrenti, u li dawn l-oggetti godda ghandhom valur ta’ cirka elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300).

“3) Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ sitt elef sitt mija u tlieta u tmenin lira Maltin (Lm6,683) rapprezentanti x-xoghlijiet u benefikati u miljoramenti li thallsu minnha ghall-appartament numerat tnejn (2), fil-blokk ta’ appartamenti bl-isem "Santa Rita", Triq il-Poezija, Qormi, u oggetti li nxtraw minnha ghall-istess fond u spejjez ohrajn inkorsi minnha.

“4) Tikkundanna lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-oggetti kollha ndikati fid-Dokument "RB6" fl-istat gdid taghhom, u fin-nuqqas tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas il-valur ta’ dawn l-oggetti lir-rikorrenti ammontanti ghal elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300).

“Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni u tal-mandat ta’ sekwestru ntavolati mir-rikorrenti kontra l-intimat in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta’ dan ir-rikors sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat li qieghed jigi minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta ġuramentata li ressaq il-konvenut li in forza tagħha eċċepixxa illi:

> "1. Illi t-talbiet ta` Rena Bartolo ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante li Dennis Ciantar hallas ghall-bicca l-kbira ta` l-ispejjez indikati fid-dokumenti RB2, RB4, RB4 u RB5 billi kien jivversa regolarment lil Rena Bartolo diversi pagamenti ta` flus kontanti li bihom Rena Bartolo kienet taghmel ix-xirjiet. Tant hu hekk li hlief ghal dawk l-ispejjez indikati fid-dokument RB1 Rena Bartolo ma pprezentat ebda rcevuta. Fil-fatt Rena Bartolo kienet tiehu l-flus minghand Dennis Ciantar u kienet tmur tixtri u thallas b'cheques taghha. Mat-thassir ta' l-gherusija Rena Bartolo bdiet tivvanta pretenzjonijiet li l-ispejjez ghamlithom kollha hi b'mod li bdiet tiehu vantagg mill-fiducja u l-hbiberija li Dennis Ciantar kellu fiha meta kienu ghadhom johorgu flimkien, liema relazzjoni thassret ghaliex l-istess Rena Bartolo kienet qieghda tkun fil-kumpannija ta' ragel iehor u fil-fatt gew intavolati proceduri fl-ismijiet inversi ghar-reziliment ta' l-gherusija.
>
> "2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar, 2013, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża billi filwaqt illi qegħda tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, qegħda tiċħad it-talbiet kollha tal-attriċi, bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "**<u>L-attrici</u>** xehdet illi r-relazzjoni taghha mal-konvenut bdiet meta hi kellha 15-il sena. Meta ntemmet dik ir-relazzjoni ghar-ragunijiet li spjegat (<u>u li mhumiex rilevanti ghall-mertu ta` din il-kawza</u>) kienu ftehmu bejniethom illi kull parti tirritorna r-rigali li taw lil xulxin. Il-konvenut kien xtara l-fond Flat 2, Santa Rita, Triq il-Poezija, Qormi, bil-hsieb li jkun id-dar taz-zwieg. Biex xtara l-post, il-konvenut ha self mill-bank. Il-ftehim mieghu kien illi hu jhallas ir-*repayment* tas-self waqt illi hi tiehu hsieb li l-post jigi rrangat. Mill-paga taghha, kellha tixtri wkoll l-affarijiet ghall-post. L-attrici tghid illi xtrat ammont kbir ta` oggetti ghall-

post, pero` dawk l-affarijiet ma hadithomx lura. L-affarijiet kienu jinsabu go garaxx tal-genituri tal-konvenut. Kull darba li kienet tixtri xi haga, il-konvenut kien jinsisti sabiex din titpogga fuq ir-raff ta` l-garaxx. Hi hallset ukoll ghal benefikati li saru fil-post.

"L-attrici tghid li skond ma qalilha l-konvenut, huwa kien xtara l-post ghall-prezz ta` Lm20,000. Minnhom Lm15,000 kienu self, waqt li l-bqija, il-konvenut qal li tahomlu missieru, kif ghamel ma` hutu l-ohra. Ma kienx minnu li hi hadet Lm5000 minn kexxun fid-dar tal-genituri tal-konvenut. Insistiet li hi hallset minn flus taghha ghall-affarijiet kollha li xtrat u li saru fid-dar tal-konvenut. Hi bdiet tahdem fit-3 ta` Ottubru 2003. L-attrici ssostni li c-cheques li hargu kienu kollha mill-kontijiet bankarji personali taghha. Qatt ma kellha bilanc ta` Lm5,000 izda biss *standing order* sabiex isiru *transfers* mis-*savings* ghall-*current account*

"L-attrici tikkonferma li l-kontenut tad-Dok RB1 sa RB5 kienu l-ispejjez li nkorriet hi bi flusha biex saru benefikati fil-fond tal-attur u biex inxtraw oggetti li kien hemm fil-fond. Dok RB6 huma l-oggetti li xtrat bi flusha u li kienu jinsabu fil-garage ta` taht id-dar tal-genituri tal-konvenut. Tal-oggetti ndikati fid-Dok RB1, kellha ricevuti. Il-konvenut kien jixtri minghand certu Twanny li kellu hanut tal-*ironmongery.* Dan Twanny kien inizzel l-oggetti fuq isem missier l-attrici. Wara kienet tmur hi u thallas ghall-oggetti minn flusha. Dwar Dok RB2, l-attrici tixhed illi s-Lm650 indikati huwa dak li nefqet biex sar l-*aluminium* tad-dar. Fejn hemm imnizzla l-ammonti ta` Lm100, Lm100 u Lm333, dawn jirreferu ghal cheques li harget hi favur il-konvenut. Ghax meta l-konvenut kien jixtri hu affarijiet ghad-dar minn flusu, hekk kienet taghmel. Il-bqija ta` l-oggetti li kien hemm fid-dar xtrathom hi bi flusha pero` ma kellhiex ricevuta taghhom. Dok RB3 jirreferi ghal spejjez li nkorriet hi bi flusha li taghhom ma kellhiex ricevuta. Dok RB4 hija lista ta` spejjez li l-attrici tghid li hallset minn flus taghha b`cheques taghha. Dok RB5 u RB6 huma spejjez li hallset hi minn flusha ghal affarijiet li ntraw mill-hanut *Ideal Household* ta` Hal-Qormi. Tispjega li minn dan il-hanut xtrat kwantita` ta` oggetti li hallset bil-mod. L-oggetti kienu ghadhom godda, qatt ma ntuzaw, ridithom lura u kienu jiswew madwar Lm1300.

"Fil-**<u>kontroezami</u>**, l-attrici kienet domandata dwar jekk kellhiex prova tal-oggetti li tghid illi kienu taghha u li ma kienux instabu fil-garage tal-genituri tal-konvenut. L-attrici wiegbet illi kellha ricevuta tad-*dinner set* ; tal-oggetti l-ohra ma kellhiex ricevuta. Tghid illi hi kellha zewg kontijiet : wiehed l-HSBC *savings* u iehor l-BOV *current.* Is-salarju taghha kien jidhol dirett il-bank. Fiz-zewg kontijiet, kien jidhol bis sis-salarju taghha. Ghall-benefikati, hallset ghal xi uhud b`cheques u ohrajn *cash*. L-attrici taccetta li l-paga taghha kienet taghmel tajjeb ghall-hlasijiet li kienet taghmel. Ghalhekk mill-*withdrawals* kollha tal-kont tal-HSBC, inxtraw l-ispejjez ghall-benefikati. Il-*current account* sar fl-istess zmien meta l-konvenut xtara l-post.

"L-attrici kienet domandata kif seta` jkun li kienet qeghda tippretendi hlas ta` madwar Lm7,000 meta t-total tal-*withdrawals* li marru fil-*current*

*account* biex inhargu cekkijiet u t-total tal-*withdrawals cash* kienu fil-fatt jammontaw ghal ftit aktar minn Lm3,000. It-twegiba tal-attrici kienet illi hija kellha ir-ircevuti ta` dak li hallset. Kompliet tinsisti li l-flus kollha hargu miz-zewg kontijiet taghha. Sostniet li gieli kellha flus li qatt ma ddikjarathom mal-banek. Qalet li kienu flus li *forsi* rceviet b`rigal minghand missierha u li wzathom ukoll biex thallas bihom. Pero` ma kenitx tiftakar l-ammont.

"Domandata specifikament mill-qorti jekk mal-flus li ma kienux dikjarati l-bank, kienx hemm flus tal-konvenut, l-attrici cahdet illi kien hekk.

"L-attrici kkonfermat li l-genituri tal-konvenut kienu sellfu lill-genituri taghha s-somma ta` Lm2,000. Il-genituri tal-konvenut ghamlu kawza lill-genituri taghha ghal dawk il-flus u thallsu wara li kienet deciza l-kawza. Dwar ir-ricevuti ta` Twanny *ironmongery*, l-attrici qalet illi dan kien johrog il-kont fuq isem missierha Mario Bartolo jew f` isem il-konvenut. Izda l-konvenut qatt ma hallas. Sostniet li kien hemm oggetti li hallset hi ghalihom bi flus izda ma kellhiex ricevuta.

"L-attrici qalet illi kien fadlilha tiehu oggetti minghand il-konvenut. Meta marret tigbor l-oggetti mid-dar tal-genituri tal-konvenut, omm il-konvenut kienet ghamlet lista ta` kull oggett li kien inghata lilha. Il-lista li kienet prezentata fil-mori tal-kawza kienet ta` dawk l-oggetti li kienet ghadha ma haditx lura. Ma hadithomx ghaliex min-naha tal-konvenut qalulha li jew ma kellhiex dritt ghalihom inkella li ma kienux fil-post. L-attrici kkonfermat li hadet *dinner set* izda dan ma kienx l-istess wiehed tar-ircevuta li kellha. Dak tar-ricevuta ma kienx fil-post. Hadet is-sett li sabet ghax kien taghha wkoll.

"**<u>Il-konvenut</u>** xehed illi mal-attrici kien ilu sitt snin gharus. Kellhom il-hsieb taz-zwieg. Ghalhekk huwa xtara Flat 2, Santa Rita, Triq il-Poezija, Qormi, bi flus li kellu mfaddla, biex tkun id-dar taz-zwieg. Hu kien ilu jahdem minn mindu kellu sittax-il sena. Il-post sewa Lm20,000, apparti l-ispejjez notarili u tal-boll. Meta xtara l-post, l-attrici kienet dizokkupata. U meta eventwalment bdiet tahdem hija kellha paga baxxa. Ghall-akkwist tal-post, l-attrici ma hallset xejn. Billi biex xtara l-post, nefaq bosta mill-flus li kellu mfaddlin, missieru tah Lm5000 biex jirranga l-post. L-attrici bdiet tinsisti mieghu li jaghtiha l-flus biex tmur tixtri affarijiet ghad-dar. Il-konvenut accetta, u bil-permess tieghu, ghax kien jafda lill-attrici, bdiet tiehu mill-Lm5000 li kienu *cash* go kexxun fid-dar tal-genituri tieghu. L-ewwel hadet ftit minnhom imma in segwitu hadithom kollha. L-affarijiet li hemm fil-post inxtraw minn dawk il-flus. L-attrici ghamlet kont kurrenti biex ikollha *cheque book* u l-flus kienet titfaghhom fil-kont taghha biex tohrog ic-cheques tal-hlasijiet. Gieli kien ikun maghha meta jinxtraw l-affarijiet u kienet thallas bi flus li jkun taha hu. Tant hu hekk li whud mir-ricevuti hargu f`ismu. Huwa hallas lill-attrici ta` spejjez li harget hi, u li taghhom kellha ricevuta.

"Fil-**<u>kontroezami</u>**, il-konvenut xehed illi biex xtara l-post huwa kiseb self mill-bank ta` Lm15,000 li llum thallas kollu. L-affarijiet li xtrat l-attrici

kienu kollha mill-flus li kien tah missieru. Il-ftehim mal-attrici kien illi meta tixtri l-affarijiet bi flus minn taghha, kellha tikseb ricevuta ghalihom. Meta kienu jmorru jixtru flimkien, ir-ricevuta kienet tohrog f`ismu, ghalkemm l-attrici kienet thallas mic-*chequebook* taghha. Kien isir hekk ghax l-attrici kienet taf li fic-*chequebook* kien hemm il-flus li kien taha hu. Ighid illi r-ricevuti kollha li pprezentat l-attrici fil-kawza kienu ghal affarijiet li thallsu bi flusu.

"**Dolores Ciantar**, omm il-konvenut, xehdet illi lill-hames uliedha (fosthom il-konvenut) tathom Lm5,000 kull wiehed. Meta l-konvenut akkwista l-post, taghtu Lm5,000 biex jirrangah. Il-flus ma nghatawx f`salt. F`xahar intefqet is-somma kollha. L-attrici kienet tiehu l-flus minn kexxun ta` skrivanija li kellha x-xhud fid-dar u bihom l-attrici kienet thallas ghall-ispejjez biex jitranga l-post.

"**George Ciantar**, missier il-konvenut, xehed illi huwa ta Lm5,000 lill-konvenut sabiex isewwi l-flat li kien xtara.

"**George Facciol** xehed li huwa kellu hanut Tal-Handaq, Hal Qormi. L-attrici tigi t-tifla ta` hu l-mara tieghu. Ghamlet zmien gharusa lill-konvenut. Minghandu l-partijiet ordnaw bibien u twieqi ta` l-aluminium ghad-dar. Il-konvenut hallsu tax-xoghol. Mnejn gew il-flus li thallas bihom ma setax ighid.

"**Joseph Borg Cardona** rapprezentant tal-Bank of Valletta plc xehed illi fl-2003 u 2004, il-konvenut kellu tliet kontijiet. George Ciantar u martu Maria Dolores kellhom ukoll kontijiet bankarji mal-BOV.

"**Audrey Ghigo** rapprezentant ta` l-HSBC Bank Malta plc xehdet illi l-attrici kellha *savings account* bin-numru 054 131040 050 u *current account* bin-numru 075 043430 001.

"**Ikkunsidrat:**

"**III. Risultanzi**

"Fil-kawza tal-lum, din il-Qorti hija rinfaccjata b` verzjonijiet tal-partijiet li huma dijametrikament opposti fejn si tratta tal-kwistjonijiet centrali tal-kawza. Min-naha l-wahda, l-attrici tghid illi benefikati li saru fil-flat li xtara l-konvenut biex ikun id-dar taz-zwieg taghhom, saru bi flus li kienu taghha, u ghalhekk kellha jedd ghal rifuzjoni ta` dak li sborsat, ladarba spiccat l-gherusija taghhom. Tghid ukoll l-attrici li xtrat minn flusha diversi oggetti li baqghu ghand il-konvenut, liema oggetti kienet qeghda tippretendi li tinghata lura, inkella tinghata kumpens taghhom. Min-naha l-ohra, il-konvenut iwiegeb b`verzjoni fl-oppost, billi jsostni li huwa qieghed ghad-disposizzjoni tal-attrici somma flus biex biha thallas ghall-ispejjez tal-post u ghal oggetti ohra. L-attrici kellha jedd biss tithallas ta` oggetti li taghhom kellha ricevuta mahruga f`isimha, u dan ghaliex, ighid il-konvenut, hekk kien il-ftehim ta` bejniethom u cioe` illi fejn l-attrici ma kellhiex ricevuta, inkella r-ricevuta kienet f`ismu, dawk

kienu hlasijiet li saru minn flus li qieghed ghad-disposizzjoni taghha ghall-iskop premess. Kuntratt hekk markat fil-verzjonijiet tal-partijiet jirriduci l-evalwazzjoni tal-provi ghal wahda ta` kredibilita` u verosimiljanza.

"Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza `**Xuereb vs Gauci et**` il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk –

"*Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

"*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

"*2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur" …*

"Tal-istess portata kienet id-decizjoni ta` din il-Qorti (PA/TM) tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Bugeja vs Meilak"** fejn inghad hekk –

"*Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "Farrugia vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta` Novembru, 1966, li -*

*"il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

"*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*

"*Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia" –*

*"mhux kwalunkwe tip ta` konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta u jkollha taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo".*

(ara wkoll – "**<u>Ciantar vs Curmi noe</u>**" – PA/PS – deciza fit-28 ta` April 2003 u "**<u>Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa</u>**" - PA/PS - deciza fit-28 ta` Mejju 2003).

"Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tas-17 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**<u>Camilleri vs Borg</u>**", kienu citati l-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) tal-25 ta` Frar 1952 fil-kawza "**<u>Zammit vs Petrococchino</u>**" u tal-Qorti tal-Appell (Sede Civili) tal-5 ta` Marzu 1986 fil-kawza "<u>Vassallo vs Pace</u>" fejn kien inghad illi *"l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet ; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet".*

"Dan premess, din il-Qorti tghid illi l-verzjoni tal-attrici mhijiex affidabbli fl-assjem taghha. Huwa inverosimili kif l-attrici tghid illi minn flusha sborsat ammonti konsiderevoli ta` flus biex thallas ghall-benefikati, imbaghad jirrizulta bhala fatt illi dak iz-zmien ma kenitx f`qaghda finanzjarja tajba bizzejjed biex taghmel tajjeb hi ghal dawk l-ispejjez. Meta l-konvenut xtara l-post hija kienet dizokkupat. Wara li sabet tahdem, il-paga taghha ma kenitx gholja. Fil-31 ta` Ottubru 2003, u cioe` sitt xhur qabel il-konvenut xtara l-post, kellha biss Lm3.52c fis-*savings account* mal-HSBC. Il-paga taghha kienet tidhol fil-kont. Skond l-*statements* kienu jidhlu madwar Lm150 kull hmistax. Huwa wkoll evidenti mill-*withdrawals* li dawn kienu ammonti li jirriflettu l-bzonnijiet ta` kuljum ta` l-attrici. L-attrici tallega li rceviet flus li ma kellhomx x` jaqsmu mal-paga. Meta kienet rikjesta taghti d-dettalji ta` mnejn gew dawk il-flus jew min ta dawk il-flus, it-twegiba taghha ma kenitx konvincenti. Mhuwiex probabbli li waslu flus minghand il-genituri taghha ghaliex, kif irrizulta, l-istess genituri taghha kienu sa ssellfu flus minghand missier il-konvenut. Ir-riluttanza tal-attrici, li fuqha kien jinkombi l-piz tal-prova, li taghti spjegazzjoni kredibbli ta` minn fejn originaw il-*cash deposits* li saru fil-kontijiet bankarji taghha, tikkorraborra bis-shih il-verzjoni tal-konvenut meta jghid illi huwa kien jafda lill-attrici u kien qieghed ghad-disposizzjoni taghha flus kontanti biex tixtri bihom affarijiet mehtiega biex jitlesta l-post.

"Ghal din il-Qorti, huwa inverosimili illi minn naha wahda l-attrici riedet fil-mument tal-akkwist il-post ikun f`isimha wkoll ghalkemm ma kenitx komda finanzjarjament biex thallas is-sehem taghha tal-prezz, u min-naha l-ohra mbaghad ma zzommx ricevuti tal-hlasijiet li tghid li ghamlet minn flusha biex saru l-benefikati fil-post. Din il-Qorti rat u semghet liz-zewg partijiet jiddeponu. L-attrici certament illi mhijiex xi persuna ngenwa jew li ma tahsibx ghal rasha. Ladarba l-post kien f`isem il-konvenut ghax xtrah huwa bi flusu, il-buon sens kien jitlob li ladarba harget spejjez minn flusha zzomm ricevuta. Mhux hekk sar pero` ; mhux daqstant ghax l-attrici kienet *naive* izda ghax l-attrici kienet taf li l-flus li ntuzaw ma kienux taghha u ma kenitx sejra tasal li thallas bi flus

tal-konvenut u l-ircevuta tohrog f`isimha. Ghalhekk jaghmel aktar sens dak li xehed il-konvenut illi fejn l-attrici hallset bi flusha, ir-ricevuta harget f`isimha. Il-fatt li l-attrici hadet ritratti tal-benefikati li saru fil-post, u pprezentathom bhala prova, ma jfissirx li b`daqshekk saret il-prova li dawk il-benefikati thallsu bi flus l-attrici. L-ahjar prova kellhom ikunu ricevuti mahruga f`isimha. Izda dawn ma gewx prezentati propju ghaliex l-attrici ma kellhiex dawk ir-ricevuti billi l-flus ma kienux minn taghha.

"L-attrici ukoll lanqas ma ressqet bhala xhieda lill-persuni li ghamlu l-benefikati in kwistjoni jew li allegatament thallsu minghandha. Forsi dawn setghu tefghu xi ftit aktar dawl dwar dak li kienet qeghda tallega l-attrici. Pero` ma sarx hekk. Anzi fil-kaz ta` l-*aluminium,* ix-xhud George Facciol spjega, bil-maqlub tal-attrici, illi kien il-konvenut li kien mar hallsu. Kien jaghmel ukoll hafna sens li l-attrici tressaq bhala xhud lill-proprjetarju ta` *Twanny`s Ironmongery* peress li l-ircevuti li pprezentat l-attrici kienu intestati fuq Mario Bartolo li allegatament huwa missierha. Anke dan seta` xehet dawl dwar jekk ir-ricevuti kienux tassew relatati mal-ispejjez tal-post tal-konvenut inkella kienux hlasijiet relatati ma` Mario Bartolo. Dwar ir-ricevuti ta` *Twanny`s Ironmongery* huwa sinjifikattivi illi uhud minnhom huma intestati *Dennis* u imbaghad fil-brackets issib *Mario Bartolo*. Dan jista` jfisser li kienu necessarjament dawk l-ircevuti biss li kienu relatati mal-konvenut mentri l-ohrajn kienu relatati esklussivament ma` Mario Bartolo, jew seta` jfisser, kif sostna l-konvenut, li f` dawk l-okkazjonijiet, stante li kien prezenti hu flimkien ma` l-attrici, l-ircevuta nharget fuq ismu ghax l-attrici kienet taf li l-flus kienu minn tieghu u ghalhekk, kienet tagixxi b` mod korrett meta jkun prezenti hu. Kienet taghmel il-maqlub meta ma kienx ikun maghha. Dawn huma konsiderazzjonijiet li qeghda taghmel il-Qorti fuq il-provi li kienet rinfaccjata bihom. Li kieku l-attrici ressqet bhala xhud lis-sid ta` *Twanny`s Ironmongery* il-posizzjoni kienet tkun certament aktar cara. L-ghazla kienet tal-attrici. In-nuqqas taghha jkompli jdghajjef l-assjem tal-verzjoni taghha u jiskreditawha.

"Lanqas l-attrici ma ressqet l-ebda kopja vizwali tac-cheques li tghid li harget bhala hlasijiet favur tal-konvenut. Prova ta` din ix-xorta hija n-norma fejn ikun hemm kontestazzjoni tal-pagament hekk netta kif kienet fil-kawza tal-lum. Eppure l-attrici rega` waqghet lura fuq prova rilevanti bhal din. Il-mamma tac-cheques li allegatament l-attrici ma gewx korraborati b` kopja vizwali ta` l-istess cheques sabiex din il-qorti tkun tista` taghmel il-verifika shiha taghha tal-attendibilita` ta` verzjoni in konfront ma` ohra. Verament li kienu esebiti l-istatments tal-kont kurrenti li minnhom kienu jinhargu c-cheques izda l-istatements qatt ma jindikaw a favur min ikun ihareg pagament. Fatt bhal dak ikun jirrizulta mill-kopja vizwali tac-cheque.

"Din il-Qorti ghandha tirrimarka l-konfuzjoni li ghamlet l-attrici meta filli esebiet Dok RB2 b`certa informazzjoni, imbaghad talbet li tidbel dak id-dokument b`iehor li kellu informazzjoni differenti. Ghalkemm kienet milqugha t-talba ghall-bdil tad-dokumenti, il-fatt li fiz-zewg dokumenti

kien hemm informazzjoni differenti, ikompli jnaqqas s-siwi tal-assjem tal-verzjoni tal-attrici. Din il-Qorti tiehu l-impressjoni li l-attrici ghamlet minn kollox biex tibni versjoni li rrizultat li hija boghod mis-sewwa.

“Lanqas ma hija din il-Qorti sodisfatta bl-allegazzjoni tal-attrici li fil-pussess tal-genituri tal-konvenut kien ghad hemm oggetti li hija xtrat bi flusha. Fil-fatt talbet ir-ritorn taghhom u fin-nuqqas kumpens.

“Din il-Qorti m`ghandhiex prova sal-grad rikjest mil-ligi dwar jekk dawn l-oggetti jezistux tassew jew li xtrathom l-attrici. Ben koxjenti mill-kontestazzjoni tal-konvenut dwar il-veracita` tal-verzjoni tal-attrici, l-anqas li kellha taghmel l-attrici kien illi taghti prova tal-akkwist permezz ta` ricevuta. Din il-prova tassumi rilevanza f`kuntest aktar generali. Ladarba l-oggetti ma kienux se jkunu ghandha izda kienu se jinzammu ghand haddiehor, il-galbu kien jitlob li jkollha ricevuta biex tkopriha. Ma jirrizultax kjarament x`ezatt l-attrici akkwistat. Ghalhekk wiehed jiddubita kemm setghet tkun f`qaghda li tistma l-valur ta` l-oggetti. Kif tajjeb osserva l-konvenut fin-nota ta` l-osservazzjonijiet tieghu, fid-Dok RB6, l-attrici ssemmi *dinner set* wiehed u mbaghad, wara li marret gabret diversi oggetti minghand il-genituri tal-konvenut inkluz *dinner set*, harget bil-verzjoni li ghad fadal *dinner set* iehor x` tigbor lura, liema *dinner set* kien ta` certu kwalita` u mixtri mill-*International Sales Direct.* Jekk tassew dak id-*dinner set* kien tant ta` valur gholi, hija kienet tinkludih fil-lista orginali taghha esebita mar-rikors guramentat, u mhux semplicement ma ssemmihx, u mbaghad tiftakar fih wara. Dawn l-inkonsistenzi fit-totalita` taghhom ma jnisslux fil-qorti konvinciment tal-fondatezza tat-talba attrici.

“Din il-Qorti ssostni li l-verzjoni ta` l-attrici mhjiex kredibbli. Dik tal-versjoni tal-konvenut taghti affidament. Ghalkemm kien hemm istanzi fejn il-konvenut tkaxkar mill-emozzjonijiet passati li ghadda ma` l-attrici, din tal-ahhar tittenta taghmel kapital minn dawk l-episodji. Propju dwar dawn, l-attrici ippruvat tissottolinea fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha. Din il-Qorti tghid pero` illi l-attrici kien messha sabet tarf tan-nuqqasijiet ovvji, cari u lampanti li kien hemm fil-provi taghha. Din il-Qorti ma ssibx li l-imgieba tal-konvenut fir-rigward ta` dak li ghadu kif gie rilevat timpingi fuq l-attendibilita` tal-verzjoni tieghu. Ghal din il-Qorti kienet ta` dettall minghajr wisq valur probatorju l-kwistjoni jekk il-Lm5000 (li l-genituri tal-konvenuti kienu tawh) kienux issemmew inkella le fil-korrispondenza skambjata bejn l-avukati. Veru li meta l-konvenut xehed fil-bidu tal-kawza (<u>meta ssejjah in subizzjoni mill-attrici</u>) sostna li dawk il-Lm5000 kienu ssemmew. Huwa pero` veru wkoll li aktar tard jaccetta fl-affidavit tieghu illi mhux hekk kien. Dan il-fatt accertat ghal din il-Qorti b`ebda mod ma jaffettwa fin-negattiv l-assjem tal-verzjoni tal-konvenut meta paragunata mal-inkonsistenzi tal-attrici.

“Issemma wkoll mill-attrici li l-konvenut jaghti verzjoni mhawwda meta f` hin minnhom isostni li kien lest ihallas lill-attrici ghar-ricevuti li kellha fil-pussess taghha, imbaghad aktar tard isostni li kull ircevuta li kellha l-attrici giet hallasha hu minn flusu.

"Din il-Qorti gharblet b`reqqa x-xiehda tal-konvenut. Huwa evidenti ghaliha li dak li l-konvenut ried ighid kien li huwa kien lest ihallas lill-attrici dak biss li kien kopert b`ricevuta f`isimha mhallas bi flusha. Fir-riezami ghall-kontroezami, il-konvenut kien inekwivoku u cioe` illi ma kienx lest li jhallas ghall-ispejjez tar-rircevuti li pprezentat l-attrici fil-kawza, billi dawk thallsu minn flus li kienu tieghu.

"L-attrici taghmel referenza ghall-fatt illi fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, il-konvenut eccepixxa li kien ivversa regolarment diversi ammonti ta` flus lill-attrici, imbaghad aktar tard fix-xhieda tieghu, qal li kienet hadet minghandu Lm5,000 kollha f` daqqa. Anke dan huwa dettall bla rilevanza krucjali ghaliex il-pern ta` kollox huwa jekk irrizultax inkella le li l-konvenut ta flus lill-attrici biex thallas ghall-ispejjez li kienu qed isiru fid-dar. Ghar-ragunijiet illi diga` fissret, din il-Qorti hija perswaza li hekk kien il-kaz.

"L-attrici tressaq l-argument fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha li l-allegazzjoni tal-attur illi kien hemm Lm5,000 f`kexxun sabiex l-attrici tiehu minnhom ha thallas l-ispejjez ghad-dar ma kellhiex mis-sewwa ghaliex ma kienx jaghmel sens li thalli Lm5,000 go kexxun flok tuzahom biex taqta` mis-self tal-bank. Ghal din il-Qorti, ma hemm propju xejn stramb f`imgieba ta` din ix-xorta. Il-konvenut ha self mill-bank biex xtara l-post u kellu *repayment programme* patwit mal-bank, mifrux fuq numru ta` snin, b`imghax patwit wkoll. Huwa evidenti li l-konvenut ried jispicca l-post biex isservi bhala d-dar taz-zwieg. Li kieku l-flus li tawh il-genituri tieghu kienu sejrin jintuzaw biex jinqata` l-*loan* ma kienx se jkollu biex jispicca l-post almenu *in the short term.* U ghall-konvenut il-prijorita` kienet illi jfittex ilesti.

"Din il-Qorti tiskarta l-argument ta` l-attrici li ma jistax ikun li l-konvenut kellu flus kemm biex ihallas il-*loan* kif ukoll biex jispicca l-post. Din il-Qorti tiddeciedi fuq il-provi mhux fuq is-supposizzjonijiet. U provi f`dan is-sens l-attrici ma gabitx. Certament huwa fatt ippruvat illi l-konvenut sahaq li beda jahjdem ferm qabel bdiet tahdem l-attrici, apparti li hu kellu l-ghajnuna finanzjarja konkreta mill-genituri tieghu, li l-attrici certament irrizulta li ma kellhiex."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attriċi li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata tal-31 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet fuq premessi, u għaldaqstant tilqa' t-talbiet tal-appellanti kontenuti fir-rikors maħluf u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

Rat ir-risposta tal-konvenut li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti jogħġobha tiċħad l-appell intavolat minn Rena Bartolo u tikkonferma s-sentenza tal-31 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet (570/07/JZM) **Rena Bartolo v. Dennis Ciantar** fl-interezza tagħha bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanta.

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawża jirriżulta li l-partijiet għamlu żmien joħorġu flimkien, u anke bdew jaħsbu għaż-żwieġ, tant li l-konvenut akkwista appartament f'Ħal-Qormi bi ħsieb li dan iservi bħala d-dar matrimonjali tagħhom. L-attriċi tgħid li peress li l-għarus kien xtara l-fond, u kien qed iħallas għaliha b'rata mensili, qablu li hi tieħu ħsieb il-benefikati fil-fond u x-xiri ta' diversi mobbli għad-dar. Issa li l-partijiet m'għadhomx flimkien trid lura s-somma ta' Lm6,683 li tgħid li nefqet fuq il-post tul is-sena u nofs li damu flimkien. Trid ukoll li tieħu lura diversi oġġetti proprjeta` tagħha li jinsabu fil-pussess tal-konvenut.

Il-konvenut jiċħad dawn l-allegazzjonijiet u jsemmi speċifikament li hu kien għadda Lm5000 lill-attriċi biex hi tkun tista' tuża minnhom meta tordna jew tixtri xi affarijiet għad-dar. Jgħid li l-attriċi ma kellhiex xi paga fenominali u ma kellhiex flus minn fejn tixtri l-affarijiet li qalet. Dwar l-oġġetti jgħid li l-attriċi, wara l-firda, ħadet dak kollu li kien tagħha u ma fadal xejn x'tieħu.

L-ewwel Qorti qieset il-verżjoni tal-konvenut aktar kredibbli u għaddiet biex tiċħad it-talbiet attriċi.

L-attriċi appellat mis-sentenza u baqgħet issostni l-verżjoni tagħha.

Trattat issa l-appell, din il-Qorti tirrileva li hu car li l-każ jiċċentra fuq l-apprezzament tal-provi, apprezzament li din il-Qorti mhux solitu tiddisturba, sakemm ma jirriżultalhiex ċerta inkongruwenza fil-provi. F'dan il-każ l-ewwel Qorti għamlet analiżi dettaljata u approfondita tal-fatti, pero` din il-Qorti ma hijiex konvinta li t-teżi tal-attriċi hija għal kollox nieqsa mis-sewwa.

Din il-Qorti tibda biex tosserva li fil-ħajja Maltija hija komuni l-prattika li jekk il-fond li sejjer iservi bħala dar matrimonjali ikun inxtara minn u jkun fuq isem ir-raġel, il-benefikati jithallsu mill-mara, jew tal-anqas hi tħallas il-parti l-kbira tagħhom. F'dan il-każ, l-attriċi kienet bdiet taħdem xhur

qabel ma l-konvenut xtara l-fond, u kellha paga ta' Lm150 kull ħmistax, u xahar wara li nxtara l-fond kellha Lm1,162.02 depożitati fis-*savings account* tagħha.

Mill-*istatements* tal-bank li ġew esebiti, jirriżulta li hi kienet, kull tant zmien, tiżbanka somom ta' flus li jmorru lil hinn minn dak meħtieġ għall-affarijiet ta' kuljum. Jirriżulta fl-atti wkoll diversi ċekkijiet li hi ħarġet biex ħallset lill-ħaddiema għax-xoghlijiet li wettqu fid-dar tal-konvenut jew xiri ta' affarijiet għad-dar. Minn dawn l-*istatements* jirrizulta illi l-ġbid qatt ma qabeż l-ammont totali tad-depożiti derivanti mill-paga tagħha. Ma jidhirx li l-attriċi kienet xi tfajla ħalja; kienet tgħix mal-ġenituri tagħha, il-paga tidħol dritt fil-kont tagħha fil-bank, u tonfoq minnhom xi drabi għall-bżonnijiet personali tagħha, iżda wkoll biex tirranġa u tgħammar id-dar tal-konvenut.

Il-konvenut veru li kien beda jaħdem qabel l-attriċi, pero` hu xtara l-appartament u kellu jġorr piż finanzjarju qawwi billi jħallas lill-bank ir-rati mensili għas-self li kien ħa. Dwar il-Lm5000, jgħid li dawn tħallew fil-kexxun fid-dar tal-ġenituri tiegħu u, bi qbil, ħadithom l-attriċi. Ma ġiex spjegat għaliex dawn il-flus ma ingħatawx direttament lill-attriċi, u, jekk kellha dawn il-flus *cash*, għalfejn l-attriċi għamlet ħafna pagamenti b'ċekk. Il-konvenut mhux konsistenti meta jgħid li dawn il-flus, li iddubahom mingħand missieru, kien jgħaddihom regolarment lill-attriċi

b'diversi pagamenti, u aktar tard jgħid li ħadet dawn il-flus "*kollha f'daqqa*".

Inoltre dwar din is-somma ta' Lm5000, li l-attriċi tikkontesta, il-konvenut jgħid li kellu ittri, konsistenti f'korrispondenza bejn l-avukati rispettivi tal-partijiet, li jikkonfermaw dan il-fatt, pero`, għalkemm ingħata diversi opportunitajiet biex jesebixxi dawn l-ittri, fil-fatt qatt ma gew eżebiti. Din il-Qorti, meta tara l-konvenut jinsisti ħafna fuq irċevuti, taraha stramba li, kif jgħid, għadda Lm5000 fi flus kontanti lill-attriċi u ma jipprovdi ebda riċevuta jew jinsisti mal-attriċi għal xi forma ta' rikonoxximent li ħadet dawn il-flus.

Jirriżulta wkoll mill-provi li l-attriċi ġieli ħarġet ċekkijiet fuq isem il-konvenut; hija verosimili x-xhieda tagħha li dan sar biex il-konvenut jiġi refuz l-ispejjeż li ħareġ hu għall-arredament tad-dar u li skont il-ftehim ta' bejniethom kellhom jitħallsu mill-flejjes tal-attriċi. Ma tirriżultax spjegazzjoni oħra plawsibli għala kien isir hekk.

Madankollu, din il-Qorti tapprezza wkoll li l-prova li ġabet l-attriċi biex tissostanzja l-allegazzjoni tagħha mhux kollha ċara u inkonfutabbli. Hemm riċevuti intestati lill-ħadd, jew fuq isem missier l-attriċi, hemm ċekkijiet li nħarġu xi xhur wara l-firda u oħrajn li mhux ċar jekk jirreferux għad-dar matrimonjali u/jew l-arrandament tagħha.

Meta tqis ukoll illi l-konvenut fir-risposta ġuramentata tiegħu jgħid li kien hu li ħallas "*għall-biċċa l-kbira tal-ispejjeż*" li qed tirreklama l-attriċi, li hu xehed li "*jiena lest li nagħtiha lura fejn għandha riċevuti*" (u l-attriċi għandha riċevuti u ċekks għall-madwar Lm5000, għalkemm mhux kollha validi bħala prova), u li, fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti, id-difensur tal-konvenut qal testwalment illi "*ma jistax ikun li użat il-fondi tagħha biss*", din il-Qorti tara li l-konvenut jaċċetta li l-attriċi hija intitolata għal xi somma flus. Meta tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-provi li ressqet l-attriċi, u partikolarment in-nuqqasijiet fl-istess provi, din il-Qorti *arbitrio et boni viri*, tillikwida s-somma li għandu jingħata lill-atriċi fl-ammont ta' €5000.

Dwar l-oġġetti li l-attriċi trid lura mill-pussess tal-konvenut, hawnhekk din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li l-attriċi kienet konfużjonali f'dak li tgħid li trid u ma ressqet ebda prova li tindika li dawk l-oġġetti huma tagħha. Hu veru li l-konvenut intrabat li jressaq prospett tal-affarijiet li jgħid li għandha tieħu l-attriċi, pero` dan il-prospett qatt ma wasal, u l-attriċi ma baqgħetx tinsisti għall-preżentata ta' dan il-prospett. Mill-provi ma jirriżultax eżattament l-attriċi x'akkwistat u x'inhu tagħha.

Fuq din il-partita, din il-Qorti, għalhekk, ma tistax tipprovdi, u l-aktar li tista' tasal hu li tirrikmanda lill-konvenut li, kif wiegħed, jirritorna lill-attriċi dawk l-oġġetti li jaf li huma tagħha.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attriċi billi tilqa' l-istess in parte u tirriformaha billi flok tiċħad it-talbiet kollha attriċi, tilqa' l-ewwel u t-tielet talba attriċi limitatament għas-somma ta' €5000 (ħames t'elef euro), iżda tikkonferma l-ewwel sentenza fejn din caħdet it-tieni u r-raba' talba attriċi.

L-ispejjeż kollha tal-kawża, inklużi dawk in prim istanza, fiċ-ċirkostanzi, jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df